**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' Frar 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Owen Ebejer**
**(K.I: 325499M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Owen Ebejer** li ġie akkużat talli nhar 12 ta' Frar 2024 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-fond Santa Margerita Court, FL 6, Blk A, Triq il-15 ta' Awwissu, Mosta:

1) Ikkaġuna biża lil **ommu Justine Maria Aquilina** li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u dan laħaq il-mira tiegħu u dan bi ksur ta' Artikoli 251(3); 251H tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.
2) Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil **Justine Maria Aquilina** u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-kodiċi Kriminali.
3) Ħebb għal **Justine Maria Aquilina** sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lill-istess **Justine Maria Aquilina**, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taħt

xi dispozizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

4) U aktar talli sar riċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur ta l-Artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Owen Ebejer** għall-benefiċċju ta' **Justine Maria Aquilina** u dan ai termini ta' Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' **Justine Maria Aquilina** u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni, d-difiża u l-parte ċivile illi l-piena idonea tkun dik ta' Ordni

ta' Probation. Pero` hemm bżonn ukoll illi l-imputat jiġi segwit b'Ordni ta' Trattament minħabba abbuż ta' sustanzi illeċiti.

Illi l-Qorti wara ħadet dan kollu in konsiderazzjoni hija disposta li tagħti lill-imputat ċans biex itejjeb ħajtu, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li kien qiegħed jiffaċċja f'dawn l-aħħar żminijiet.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 251 (3), 251 H, 339 (1) (d) u 339 (1) (e),tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Owen Ebejer** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati il-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation u/jew f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-Ordni ta' Protezzjoni.

Il-Qorti qiegħda wkoll toħroġ **Ordni ta' Trażżin** ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali sabiex tiġi kawtelata Justine Maria Aquilina, u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-imputat taħt **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minnha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**